



22.1.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0999/2009, imressqa minn Sieglinde Müller, ta' nazjonalità Ġermaniża, dwar ir-rifjut mill-banek li jaċċettaw flus bħala ħlasijiet minn persuni li ma jkunux klijenti tagħhom

1. Sommarju tal-petizzjoni

Abbażi tar-Regolament tal-UE kontra l-ħasil tal-flus – li jirrigwarda ammonti li jaqbżu l-EUR 10,000 – l-istituzzjonijiet finanzjarji Ġermaniżi għamlu impossibbli d-depożitu ta' ammonti żgħar fi flus kontanti fil-kontijiet tal-klijenti tagħhom minn persuni li mhumiex klijenti tagħhom. Persuni bi ftit mezzi finanzjarji ħafna drabi m'għandhomx kont bankarju; dan l-arranġament il-ġdid ifisser li jiffaċċjaw problemi biex iħallsu l-kera, il-kontijiet tad-dawl, il-manteniment għat-tfal eċċ. Il-petizzjonanta tistaqsi a) jekk iċ-ċittadin medju b'obbligi ta' ħlas tas-soltu huwiex suġġett għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ħasil tal-flus u b) liema parti tal-leġiżlazzjoni tilleġittima l-impjiba tal-banek.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-3 ta' Novembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' Jannar 2010.

Il-petizzjoni

Il-petizzjonanta tilmenta li l-istituzzjonijiet finanzjarji Ġermaniżi għamlu impossibbli d-depożitu ta' ammonti żgħar fi flus kontanti fil-kontijiet tal-klijenti tagħhom minn persuni li mhumiex klijenti tagħhom u li m'għandhomx l-ebda kont bankarju. Skont il-petizzjonanta, l-ostruzzjoniżmu min-naħa tal-banek għandu bħala l-bażi tiegħu r-Regolament tal-UE kontra l-

ħasil tal-flus.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Ġeneralment, mhuwiex illeġittimu jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji jivverifikaw l-identità ta' xi persuna li tkun tixtieq tirrikorri għas-servizzi tagħhom. Fil-fatt, id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus¹ tirrikjedi li l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-aktar il-banek, iwettqu miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent meta xi persuna tkun beħsiebha tistabbilixxi relazzjoni ta' negozju mal-bank – pereżempju billi tiftaħ kont bankarju.

Iżda s-sitwazzjoni kif spjegata mill-petizzjonanta hija naqra differenti minn hekk peress li tirreferi għal każijiet fejn individwi li m'għandhomx kont bankarju jixtiequ jwettqu ċerti tranżazzjonijiet finanzjarji okkażjonali, bħal pereżempju ħlasijiet fi flus kontanti ta' kontijiet bħal tad-dawl u l-ilma permezz ta' xi bank. Jidher li f'xi Stati Membri huwa possibbli li individwu jħallas pereżempju l-kont tiegħu tad-dawl fi flus kontanti għand kaxxier f'bank, li mbagħad se jikkredita l-kont tal-kumpanija tal-elettriku li tkun. F'dan ir-rigward, jista' jkun li wieħed ikollu jirrispetta ċerti proċeduri kuntrattwali li jistgħu jkunu stabbiliti bejn il-bank u d-detentur tal-kont bankarju, jiġifieri f'dan l-eżempju l-kumpanija tal-elettriku li tkun tixtieq tkun taf liema wieħed mill-klijenti tagħha jkun ħallas liema kont. Proċeduri bħal dawn jista' jkun li jinkludu l-ħtieġa li l-bank jaċċerta l-identità tal-individwu inkwistjoni – anki jekk dan qed isir biss sabiex il-kumpanija tal-elettriku tkun tista' ssib lill-persuna li tkun f'każijiet ta' ħlas li jaqbeż l-ammont dovut jew ta' ħlas insuffiċjenti.

Madankollu, dan ir-rekwiżit ma jirriżultax mil-leġiżlazzjoni Ewropea kontra l-ħasil tal-flus. Fil-fatt, dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala “tranżazzjonijiet okkażjonali” skont l-Artikolu 7(b) tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus. Dan ifisser li, sakemm dawn it-tranżazzjonijiet ma jaqbżux l-ammont ta' EUR 15 000 u ma jippreżentawx riskju ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, id-Direttiva ma timponix li l-banek iwettqu xi miżura ta' diliġenza dovuta mal-klijent.

Konklużjoni

Billi t-tip ta' tranżazzjonijiet deskritti jista' jitqies bħala wieħed ta' “tranżazzjonijiet okkażjonali”, m'hemm l-ebda obbligu speċifiku li jitlob li l-istituzzjonijiet finanzjarji jirrifjutaw tranżazzjonijiet bħal dawn fuq il-bażi tar-rekwiżiti li jirriżultaw minn obbligi stipulati fid-Direttiva tal-UE kontra l-ħasil tal-flus. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-allegazzjoni magħmula mill-petizzjonanta.

¹ Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu